Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM)
PEN Malta
Daphne Caruana Galizia Foundation
Repubblika

L-Onor. Robert Abela MP
Il-Prim Ministru
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta

22 ta' Settembru 2026

Għażiż Prim Ministru,

**Leġiżlazzjoni proposta dwar il-ġurnaliżmu u l-libertà tal-midja**

Qed niktbulek wara l-kummenti tiegħek nhar il-Ħadd li għadda li fihom indikajt li l-Gvern biħsiebu jipproċedi fil-jiem li ġejjin b'leġiżlazzjoni dwar il-ġurnaliżmu u l-libertà tal-midja.

L-għaqdiet tagħna ilhom konsistentement jitolbu riformi serji li jsaħħu l-libertà tal-espressjoni, jipproteġu lill-ġurnalisti u d-dritt tal-pubbliku li jkun jaf, u jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta Pubblika dwar l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

Għalhekk nilqgħu l-intenzjoni ddikjarata tal-Gvern li jmexxi 'l quddiem ir-riforma. Fl-istess waqt, nemmnu li leġiżlazzjoni li tirregola l-ġurnaliżmu u l-libertà tal-espressjoni m'għandhiex tiġi ffinalizzata mingħajr il-parteċipazzjoni effettiva tal-ġurnalisti, edituri, kittieba, pubblikaturi, akkademiċi, is-soċjetà ċivili u professjonisti oħra li xogħolhom u l-libertajiet tagħhom se jintlaqtu direttament.

Dan huwa ta' tħassib partikolari għalina fid-dawl tal-istorja tar-riformi proposti.

Fl-2022, tliet abbozzi ta' liġi tressqu fil-Parlament qabel ma l-komunità ġurnalistika u s-soċjetà ċivili usa' kienu ġew ikkonsultati b'mod adegwat. Dawk l-abbozzi ġibdu kritika sinifikanti kemm dwar il-proċess li bih kienu tħejjew kif ukoll għaliex rakkomandazzjonijiet importanti tal-Inkjesta Pubblika u tal-Kumitat ta' Esperti maħtur mill-Gvern tiegħek ma kinux ġew riflessi fihom b'mod adegwat.

Wara l-oġġezzjonijiet tal-ġurnalisti u tal-għaqdiet tal-midja, il-proċess leġiżlattiv twaqqaf. F'Ottubru tal-2023, inti impenjajt lill-Gvern li jippubblika White Paper li tispjega l-proposti tiegħu

għar-riforma tal-midja, sabiex tkun tista’ ssir konsultazzjoni pubblika miftuħa u effettiva qabel jitkompla l-proċess leġiżlattiv.

Dik il-White Paper qatt ma ġiet ippubblikata.

Fl-2025, il-Gvern mexxa eżerċizzju ta’ konsultazzjoni li fih ipparteċipajna b’rieda tajba. Madankollu, dak l-eżerċizzju talab fehmiet dwar mistoqsijiet u prinċipji ġenerali, aktar milli ressaq għall-konsultazzjoni t-test tal-leġiżlazzjoni li l-Gvern kien qed jipproponi li jdaħħal fis-seħħ. Sottomissjonijiet bil-miktub li jsiru mingħajr ma jkun disponibbli t-test tal-leġiżlazzjoni proposta ma jistgħux jieħdu post djalogu effettiv dwar il-liġijiet infushom.

L-abbozzi li tressqu fl-2022 issa waqgħu bix-xoljiment tal-Parlament preċedenti. Għalhekk, kull abbozz li jitressaq fil-Parlament preżenti se jkun leġiżlazzjoni ġdida.

F’dan l-isfond, u partikolarment fid-dawl tat-tħabbira tiegħek li l-Gvern issa biħsiebu jipproċedi bir-riforma, **qed nitolbuk laqgħa miegħek u mal-Ministri responsabbli mil-leġiżlazzjoni qabel ma l-abbozzi jiġu ffinalizzati u ppubblikati.**

Nilqgħu l-opportunità li niddiskutu l-proposti tal-Gvern u nifhmu kif dawn jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta Pubblika u tal-Kumitat ta’ Esperti. Nitolbu wkoll li, wara dan, it-test leġiżlattiv propost ikun disponibbli għal konsultazzjoni pubblika ġenwina, bi żmien biżżejjed għal skrutinju infurmat, diskussjoni u proposti għal emendi qabel ma l-abbozzi jipproċedu fil-Parlament.

Qed nagħmlu din it-talba fi spirtu kostruttiv.

M’hemm ebda kontradizzjoni bejn l-urġenza u l-konsultazzjoni. Tabilħaqq, ħames snin wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Inkjesta Pubblika, naqblu li riforma effettiva ilha wisq ma ssir. Iżda ż-żmien li diġà għadda ma jistax jiġġustifika li issa ma ssirx konsultazzjoni, partikolarment meta l-leġiżlazzjoni tikkonċerna drittijiet fundamentali u l-kundizzjonijiet li fihom il-ġurnalisti u persuni oħra li jeżerċitaw il-libertà tal-espressjoni jagħmlu xogħolhom.

Konsultazzjoni ma tistax tikkonsisti biss f’li l-partijiet interessati jintalbu jwieġbu mistoqsijiet ġenerali biex imbagħad jiġu ppreżentati b’leġiżlazzjoni lesta. Biex tkun ġenwina, konsultazzjoni trid tagħti lil dawk milquta opportunità reali li jiddiskutu l-proposti u jikkontribwixxu għat-tfassil tagħhom waqt li jkun għad hemm il-possibbiltà li jinbidlu.

L-għan tagħna jibqa’ dak li dejjem ħdimna għalih: ġurnaliżmu aktar b’saħħtu, protezzjoni soda tal-libertà tal-espressjoni, aċċess akbar għall-informazzjoni, protezzjoni effettiva għall-ġurnalisti, u l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tal-Inkjesta Pubblika.

Għalhekk nittamaw li tilqa’ t-talba tagħna għal laqgħa mill-aktar fis possibbli, u qabel ma tiġi ffinalizzata l-leġiżlazzjoni proposta.

Nistennew it-tweġiba tiegħek.

Dejjem tiegħek,

**Għall-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin (IĠM)**
Nicole Meilak

**Għal PEN Malta**
Kurt Borg

**Għall-Fondazzjoni Daphne Caruana Galizia**
Matthew Caruana Galizia

**Għal Repubblika**
Vicki Ann Cremona